Minuti tad-49 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-48 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Prezentazzjoni tal-Financial Statements 2012.**

2.1 Gewipprezentati il-Financial Statements 2012 li kopja taghhom inghatat lil kull Kunsillier. Gie spjegat li dawn gew prezentati fil-hin lill-Ufficju tal-Awditur Generali kif maqbul fil-laqgha precedenti. Il-Financial Statements gew approvati.

**3. Skeda ta' pagamenti.**

3.1 Emanuel Muscat staqsa minn fejn ser jithallsu x-xogholijiet generali li saru fl-ahhar gimghat minn Refalo Bros. Gie spjegat illi kien hemm arrangamenti mal-Ministeru ghal Ghawdex biex saru dawn ix-xogholijiet. Gie spjegat illi l-Kunsill ser ikun qed ihallas biss tal-hajt li sar fejn tal-grew.

3.2 Lisa Marie Brooke waslet hin 6.00pm.

3.3 Fir-rigward tal-kont ta' Refalo Bros. inkluz fl-iskeda ta' pagamenti gie spjegat illi dan huwa hlas bejn kont u qed jinhadmu l-kontijiet biex wiehed jara x'bilanc ghad fadal disponibbli mill-kuntratt.

3.4 L-iskeda ta' pagamenti giet approvata u ffirmata mill-membri kollha prezenti.

3.5 Emanuel Muscat qal li kien hemm ilment dwar indafa ingenerali fi Triq il-Knisja u Triq Karmni Grima. Is-Sindku spjega ta' min tigi indikata z-zona

propja biex tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li qed jidhol darba fil-gimgha u wiehed mill-haddiema assenjati mal-Kunsill qed jaghmel iz-zona tal-Pjazza u pjazzetta hdejn ic-Centru mit-Tnejn sal-Gimgha.

3.6 Emanuel Muscat qal illi mhux qed isir qtugh ta' haxix fi Triq Birbuba. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi Louis Piscopo il-haddiem li kien qed jaghmel dan ix-xoghol talab li ma jaqtax iktar haxix izda jkun inkarigat biss minn knis. Gie deciz illi Triq Virtu' ghandha tigi assenjata lil Louis Piscopo u l-qtugh ta' haxix fi Triq Birbuba jigi assenajt lill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq.

3.7 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar l-istat ta' Triq Virtu' li din kollha niezla. Is-Sindku spjega illi huwa diga ghamel kuntatt mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar ghajnuna min naha taghhom peress li din it-triq qed tintuza bhala rotta alternattiva ghat-traffiku ta' San Lawrenz/Dwejra.

3.8 Il-Kunsill iddiskuta Seher il-Punent u qabel dwar dati tentattivi 19-21 ta' April. Ghalkemm ser issir laqgha tal-Kunsill il-gdid biex jigi diskuss il-programm fid-dettall il-Kunsill qabel li jista' jibda x-xoghol amministrattiv biex jinhargu kwotazzjonijiet mehtiega peress li ma fadalx zmien.

**4.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-49 laqgha.**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreparat il-Minuti tad-49 laqgha li nqraw u gew approvati unanimament.

4.2 Is-Sindku wassal ir-ringrazzjament u apprezzament tieghu lill-Kunsilliera kollha ta' erba snin hidma flimkien b'mod partikolari lil Raymond Cassar li kkontestax l-elezzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha spiccat hin 6.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv